MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2006

Numru 272/2006

**Il-Pulizija**

**v**

***omissis***
**Peter Borg (I.D. 391356M), u**
**Peter Borg (I.D. 557979M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Peter Borg bin Giovanni u Ludgarda nee` Cutajar DOB 30/05/1956 u kontra Peter Borg bin Peter u Mary nee` Farrugia DOB 14/11/1979 talli fit-12.12.2004 wara nofs inhar f'ghelieqi maghrufa bhala 'Buffer Zone' tal-Brocktorff Circle limiti ta' Triq Qacca, Xaghra, Ghawdex:

(1) hadu parti f'azzjoni jew pprovaw jiehdu parti f'azzjoni jew agixxew b'tali mod li fil-fehma tad-Direttur tad-Dipartiment ghal harsien ta' l-Ambjent kien ta' hsara ghal identita` biologika jew ghal sigar elenkati fl-iskeda II

tal-Avviz Legali 12 tal-2001 (*Trees and Woodands (Protection) Regulations*); u
(2) qatghu jew ippruvaw jaqtghu, nehhew jew ppruvaw inehhu qoxra tas-sigra jew partijiet taghha, nehhew jew ippruvaw inehhu l-injam jew bi kwalunkwe mod qerdu jew ippruvaw jeqirdu, ghamlu hsara jew ippruvaw jaghmlu hsara lil sigar jew partijiet taghhom li huma elenkati fl-iskeda II tal-Avviz Legali 12 tal-2001 minghajr awtorita` jew licenzja mid-Dipartiment ghall-Harsien ta’ l-Ambjent (*Trees and Woodlands (Protection) Regulations*);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-18 ta’ Lulju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Peter Borg u Peter Borg hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u kkundannathom ihallsu s-somma [<u>recte</u>: multa] ta’ elf u erbgha mitt lira (Lm1,400) <u>kull wiehed</u>;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Peter Borg ID 557979M, minnu prezentat fit-28 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Peter Borg ID 391356M, minnu pprezentat fil-31 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi fl-udjenza tat-22 ta’ Dicembru 2006 kif ukoll fl-udjenza tal-lum; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

F’dan il-kaz mhux kontestat li nqatghu jew saret hsara f’numru ta’ sigar tal-harrub – *ceratonia siliqua* – li huma protetti bil-ligi. L-appellanti ghandhom aggravju li huwa komuni, filwaqt li Peter Borg *junior* ghandu aggravju partikolari ghalih. Dan l-aggravju partikolari ta’ Peter Borg *junior* hu fis-sens li mill-provi ma jirrizultax li huwa ghamel xi haga fir-rigward tal-qtugh jew hsara fis-sigar – skond hu, huwa kien biss spettatur passiv waqt li kien missieru (l-appellant l-iehor, Peter Borg *senior*) li se mai qata’ u ghamel hsara fis-sigar. Dana l-aggravju hu wiehed fieragh. Jekk wiehed jara it-tieni stqarrija ta’ dan Peter

Borg *junior* tat-13 ta' Dicembru, 2004 (fol. 10) huwa evidenti li kienu t-tnejn li huma – missier u iben – li kienu gew kummissjunati biex jaqtghu specifikatament is-sigar tal-harrub (u dan minkejja dak li qal ix-xhud in difesa Carmel Camilleri fl-udjenza tal-lum, xhud li din il-Qorti ma tqisu xejn kredibbli), u li kienu wkoll huma t-tnejn li marru fuq il-post biex jezegwixxu dana l-ordni. Anke jekk ic-*chain saw* kien qed jinzamm minn persuna wahda, kemm minn din l-istqarrija kif ukoll mid-deposizzjoni ta' PS 1040 John Grima li mar fuq il-post (sfortunatament tardivament wara li kienet diga saret hsara irraparabbli), jirrisulta b'mod car li Peter Borg *junior* kien qed jiehu parti attiva bizzejjed fil-qtugh tas-sigar b'tali mod li rrenda ruhhu ko-awtur fir-reat, u mhux semplicement komplici. Altru, mela, milli kien semplici spettatur passiv!

Kwantu ghall-aggravju komuni taz-zewg appellanti, dan hu fis-sens li huma kienu nghataw x'jifhmu li kien hemm il-permessi neccessarji biex jinqatghu dawn is-sigar, u ghalhekk huma kienu qed jagixxu taht zball ta' fatt li jirrendihom mhux imputabbli. Dana l-aggravju huwa wiehed li jirrazenta l-fieragh. L-appellanti qed jippruvaw jibbazaw din id-difiza fuq dak li xehed Carmel Camilleri li jghid li huwa kien qal lilhom – meta, skond hu, qalilhom semplicement biex "inaddfu l-post" biex ikun jista' jaghmel *survey* – li kien hemm il-permessi ghall-bini. Apparti li din il-kwistjoni tal-permessi ma ssemmiet qatt mill-appellanti fl-istqarrijiet taghhom lill-pulizija <u>anke meta huma gew specifikatament mistoqsija jekk kienux jafu li trid permess biex taqta' sigar tal-harrub</u>, anke jekk verament intqal tali diskors dwar permessi tal-bini ma jirrizultax li l-appellanti ghamlu imqar xi verifika minima biex jaraw jekk verament kienx hemm tali permessi ghall-bini. Meta wiehed jara kemm id-deposizzjoni ta' dan Camilleri tikkuntrasta kemm ma' dak li jghidu l-istess appellanti fl-istqarrijiet (mhux kontestati) taghhom, kif ukoll ma' dak li jirrizulta li l-istess Camilleri qal lill-Ispettur Maurice Cini u lis-Surgent Grima *a tempo vergine*, huwa evidenti li din tal-permessi – cioe` li qalilhom li kellu l-permessi ghall-bini – hija *a cock and bull story* mahluqa minn dana Camilleri biex jipprova jara kif issa jghin lill-appellanti – *falsus in uno falsus in omnibus*. Fil-fehma ta' din il-Qorti – u tal-ewwel qorti

qabilha – l-appellanti marru u qatghu is-sigar tal-harrub minghajr id-debitu permess ghax ma kienux jafu li kien mehtieg tali permess, kif effettivament jammettu fl-istqarrijiet taghhom. L-injoranza tal-ligi, pero`, ma hix skuza.

Ghall-motivi premessi, tichad kemm l-appell ta’ Peter Borg il-missier kif ukoll l-appell ta’ Peter Borg *junior,* u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------